MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.
DENNIS MONTEBELLO**

Seduta tal-21 ta' Lulju, 2004

Avviz Numru. 60/2004

**Avviz numru 60/04DM**

**Maltacom p.l.c. C22334**

**Vs**

**Imnaria Ventures Limited – C11537**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz permezz ta’ liema l-kumpanija attrici talbet l-kundanna tal-kumpjanija konvenuta, ghall-hlas tas-somma ta’ tlett elef, sebgha mija disgha u tmenin lira Maltin u sitta u sittin centezmu (Lm3,789.66) rappresentanti ammont minnhom dovuti in konnessjoni ma’ servizzi telefonici in kwantu ghal elf, hames mija tlieta u hamsin liri Maltin u tmienja u tletin centezmu (Lm1,553.38) fuq servizz telefoniku li jgib in-numru 21331724 u in kwantu ghal sitt mija hames u tmenin liri Maltin u wiehed u sittin centezmu (Lm685.61) fuq servizz telefoniku 21331705 u elf , hames

mija u hamsin lira Maltin u sebgha u sittin centezmu (Lm1,550.67) fuq sevizz telefoniku li jgib in-numru 21331693 (skond kif jirrizulta minn Dok A anness mall-avviz) liema servizzi gew installati Apart. 1, Calcedonian Towers, Ix-Xatt ta' Qui Si Sana, Sliema, respettivament u dana kif jirrizulta minn Dok B anness mall-avviz.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-presenti, u ta' l-ittra ufficjali tat-3 ta' Gunju, 2003, u tat-taxxa fuq id-drittijiet professjonali u bl-imghaxijiet kontra l-konvenut li minn issa huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat illi l-konvenuti debitament notifikati msejhin ma dehrux la biex jikkontestaw it-talba attrici u lanqas biex jirrispondu ghad-domandi in subizzjoni.

Ghaldaqstant wara li l-Qorti rat ukoll id-dokumenti esebiti mill-attur issib illi t-talba attrici tirrizulta gustifikata u timmerita konferma .

Il-Qorti qeghda ghalhekk tilqa' it-talba attrici u tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lill-atturi s-somma mitluba ta' tlett elef, seba' mija u disgha u tmenin lira Maltin u sitta u sittin centezmu (Lm3,789.66) ghar-ragunijiet indikati fl-avviz , bl-imghaxijiet legali b'effett mit-30 ta' Jannar, 2004.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------